22001D0147

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-FTEHIM EKONOMIKU EWROPEW (FEE)

Nru 147/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Anness I (Dwar materji Veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim Ekonomiku Ewropew (FEE)

IL-KUMITAT KONĠUNT TAL-FEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Qasam Ekonomiku Ewropew, kif emendat bil-Protokol li jiġġosta l-Ftehim dwar il-Qasam Ekonomiku Eworpew, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-anness I tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Ftehim Ekonomiku Ewropew tal-Kumitat Konġunt Nru 131/2001 tat-23 ta' Novembru 2001 ([1]).

(2) Erba' atti li jirrigwardaw il-materji ta' kontroll għandhom jiġu inkorporati fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-Islanda u Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandha tiġi emendate kif speċifikat fl-anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2000/685/KE ([2]), 2000/715/KE ([3]), 2000/734/KE ([4]) u 2000/743/KE ([5]) fil-lingwa Norveġiża, għandhom jiġu pubblikati fis-Suppliment tal-Ftehim Ekonomiku Ewropew (FEE) tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidhol fis-seħħ fit-12 Diċembru 2001, iżda n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt tal-FEE (*).

([1]) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 15.
([2]) ĠU L 283, tad-9.11.2000, p. 44.
([3]) ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 51.
([4]) ĠU L 295, tat-23.11.2000, p. 35.
([5]) ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 28.
(*) L-ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsima tal-FEE ta', u fis-Suppliment tal-FEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew*.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt tal-FEE

Il-President

B. GRYDELAND

L-ANNESS

għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-FEE Nru 147/2001

IL-parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat hawn taħt.

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 105 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/598/KE):

"kif emendat bid-:

– **32000 D 0743**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/743/KE tat-28 ta' Novembru 2000 (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 28)."

2. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu inklużi wara l-punt 106 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/571/KE):

"107. **32000 D 0685**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/685/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-*Bluetongue* fi Sqallija u Kalabria, l-Italja (ĠU L 283, tad-9.11.2000, p. 44), kif emendat bid-

– **32000 D 0743**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/743/KE tat-28 ta' Novembru 2000 (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 28).

108. **32000 D 0715**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/715/KE tas-7 ta' Novembru 2000 dwar ċerti miżuri protettivi kontra l-*bluetongue* fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer *Baleriċi*, Spanja (ĠU L 290, tas-17.11.2000, p. 51).

109. **32000 D 0734**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/734/KE tat-22 ta' Novembru 2000 dwar ċerti miżuri protettivi kontra *l-bluetongue* f'Korsika, Franza (ĠU L 295, tat-23.11.2000, p. 35)."